MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 286/2011

**Appell Nru: 286/2011**
**Il-Pulizija**
**Vs**
**Dennis Burke**

Illum, 18 t'April, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Dennis Burke detentur tal-karta ta' l-identita 883753M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

Fit-8 ta' Awwissu, 2006 fid-09:00hrs u matul il-granet ta' qabel u ta' wara go Café Sao Paolo, Ix-Xatt ta' Tigné, Sliema.

Kiser l-obbligazzjoni maghmula fit-28 ta' Gunju, 2006, liema obbligazzjoni kienet maghmula skond is-subartiolu wiehed ta' l-artikolu 13 ta' l-Att XIII ta' l-2003.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Gunju, 2011 fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 13 (3) U 40 Tal-Kap 465 ikkundannat lill-imputat ihallas

multa ta’ hames mitt ewro (€500) ; in oltre ordnat illi huwa jesegwixxi r-rakomandazzjonijiet kollha msemmija fir-rapport tal-Ingineer Muscat JM u JM1 fiz-zmien tlett gimghat mid-data ta’ din is-sentenza taht multa ta’ mitt euro (€100) kuljum fin-nuqqas u taht is-sorveljanza tal-istess Perit Inginier Muscat ; inoltre l-Qorti minn issa tawtorizza lill-Kummissarju tal-Pulizija ghas-spejjez tal-imputat f’kaz li dan it-terminu ta’ tliet gimghat jghaddi inultilment, jaghmel ix-xogholijiet necessarji skond ir-rapport JM u JM1 tal-Perit Inginier Muscat u taht is-sorveljanza tieghu, sabiex jigi eliminat l-inkonvenjent li qeghdin jikkostitwixxu c-cmiemenn u appartat tal-air conditioning tal-Café Sao Paolo.

Rat ir-rikors tal-appellant Dennis Burke pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-287 ta’ Gunju, 2011 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar, tikkancella u tirrevoak s-sentenza appellata u invece tghaddi sabiex tiddikjara lill-esponenti mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravji tal-appellant li huma is-segwenti :

1. Illi jibda biex jigi rilevat illi l-kawza odjerna tirrigwarda u tirrigwarda biss allegazzjoni li l-esponenti kiser obbligazzjoni li huwa ghamel fit-28 ta’ Gunju, 2006 liema obbligazzjoni kienet tikkonsisti unikament illi huwa allegatament ‘Failed to inhibit emission of smoke form Café Sao Paolo’ ;

2. Illi nonostante illi l-akkuza dedotta fil-konfront tal-imputat appellant kienet wahda specifika l-kaz spicca f’wiehed fejn gie sindakat l-operat kollu tal-hanut in kwitjoni, seduti bla bzonn u accessi numerevoli meta l-unika akkuza li kien rinfacjat bgiha l-akkuzat kienet dik li tirrigwardsa ‘smoke emission’ u cioe` dhahen – fl-ebda hin ma kien hemm ‘undertaking’ rigward is-sistema tal-arja kundizzjonata, rwejjah gejjin mill-kcina, shanat u mitt elf haga ohra li spiccaw gew sindakati mill-Perit Tekniku nominat mill-Ewwel Qorti u dana nonostante l-fatt illi l-Appellant, tramite l-avukat tieghu, ipprova jattira l-attenzjoni tal-Qorti ghall dan il-fatt importanti.

3. Illi, u dana kif setghet tapprezzah l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-animu tal-partijiet civili u specjalment ta’ Joseph Camilleri kien imur oltre milli iridu soluzzjoni ghall-problema u rrizulta tul is-smiegh tal-provi illi fir-realta` l-istess Joseph Camilleri ried jircievi kumpens biex jaghti lill-appellant u wara lill-inkwilini l-godda biex jigu retifikati xi difetti. In effetti din il-kawza spiccat tintuza bhala mod ta’ rikatt fil-konfronti tal-esponenti hawn appellant ;
4. Illi di piu` ix-xhieda kollha tal-prosekuzjoni u dana minghajr ebda eccezzjoni ilmentaw fuq kollox ghajr fuq dak illi kien akkuzat bih l-appellant u cioe` id-dhahen ghax in effetti dhahen qatt ma kien u mhemmx.
5. Illi nonostante illi dina kienet kawza di facilissima spedizzjoni l-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li taghti ‘carte blace’ lill-Perit Tekniku minnha nominat u lill-parte civile sabiex iressqu provi fuq kollox izda b’kull rispett lejn l-istess Qorti dina naqset milli tafferra r-realta tal-akkuza li ghazlet li tressaq il-prosekuzzjoni fil-konfronti tal-Appellant u cioe` dik illi naqas milli jottempra ruhu ma obligazzjoni illi huwa assuma sabiex iwaqqaf l-allegati ‘smoke emissions’.
6. Illi l-Parte Civile resqu xhieda u provi inkluzi certifikati medici fuq shanat, irwejah, hsejjes tal-arja kundizzjonata u in effetti l-Perit Teknikju ghamel rakomandazzjonijiet sabiex jigu risolti l-allegati problemi ta’ hsejjes, riha u temperatura u imkien ma accenna jew ghamel xi forma ta’ rakkomandazzjoni sabiex jigu mwaqqfa s-smoke emissions. Ovvjament dana qatt ma setgha jaghmlu stante illi fl-ebda mument hadd mill-persuni nvoluti fil-kaz ma ghamlu xi forma ta’ prova illi mill-fond in kwistjoni kien hiereg xi forma ta’ smoke ossia duhhan.
7. Illi minn ezami akkuarat tar-rapporti teknici esibiti kif ukoll tas-sentenza appellata ma saret ebda referenza ghall-akkuza li ntalab jirrisponei ghaliha l-imputat u lanqas biex qatt issemmite il-kelma smoke u/jew duhhan u ghalhekk l-appellant ma jistgha bl-ebda mod jifhem kfi gie misjub skond l-akkuza migjuba kontra tieghu u ordnat jghamel xogholijiet li huma konnessi mal-arja kundizzjonata u mal-allegata shana meta huw qatt ma ghemle ebda ‘undertaking’ f’dak ir-rigward u wisq anqas gie akkuzat b’ konnessjoni mal-istess ;

8. Illi sfortunatament bhal ma jigri spiss f'kawzi ta din in-natura il-prosekuzjoni ssib ruha rinfaccjata bl-insistenza da parti ta' parti civili biex tagixxi izda meta jinhargu l-akkuza dawna ma jkunux jirrispekkjaw dak li fil-fatt ikun qed jigi akkuzat bih l-akkuzat ;
9. Illi bla pregudizzju ghal-dak suespost jigi rilevat illi fil-mori tal-kaza l-fond in kwistjoni ghadda f'idejn terzi li f'temp ta' anqas minn sentejn kompletament irrinovaw l-istess fond b' mod illi giet stallata sistema tal-arja kondizzjonata li ma tkunx tehtieg ebda outdoor unit u kcina gdida bl-ahhar tekonologija u rinnovament iehor.
10. Illi tenut kont tas-suespost u senjatament tal-fatt illi mill-provi prodotti ma rrizultax illi kien ikun hemm 'smoke emissions' – dhahen l-esponent ma setgha qatt jinsab hati illi kiser xi obligazzjoni kif gie akkuzat. Illi in poche parole ghandu jinghad illi l-obbligazzjoni assunta – kif deskritta qatt ma setghet tigi onorata ghas-semplici raguni illi minn stadju u esami akkurat tal-provi mressqa gew imsemmija u indikati varji allegati fastidji – shana, storbju u irwejjah izda fl-ebda mument ma ssemma 'smoke emissions' u dana ghas-semplici raguni illi dawna qatt ma esistew ;
11. Illi prova cara ta' dan hija x-xhieda tat-tabib Adrian Vassallo tal-11 ta' Jannar, 2008 – forsi l-uniku xhud imressaq li ma ghandu l-ebda interess fl-ezitu tal-kawza u li bil-gurament iddikjara illi l-appartement tal-parte civile Matilda Attard – Kien miftuh dak il-hin, imma inti minn hawn ghal gol bedroom tinduna li qisek dhalt go forn.
12. Illi sahansitra r-rapport tal-Engineer Cauchi jgahmel referenz ghall-ishana eccessiva u fl-ebda hin ma jsemmi 'smoke emissions' ;
13. Illi l-parte civile, b'kull rispett lejn l-istess, tant kienet mitlufa biex tottjeni sejba ta' htija fil-konfornti tal-appellanti illi tul is-smiegh tal-provi insiet precizament liema kienet l-obbligazzjoni li allegatament kiser l-espoenenti u ma ngabet ebda prova konkreta li tista` serenament twassal lill-dina l-Onorabbli Qorti biex isib htija fl-agir tal-espoenenti. Ma saret ebda prova dwar duhhan li huwa oggett visibli stante illi dana qatt ma esista u huwa biss fuq dina l-obbligazzjoni assunta mill-esponenti ma kienitx wahda generika izda specifika.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Dennis Burke jopera café bl-isem ta' San Paolo f'numru hamsa u ghoxrin (25) ix-Xatt ta' Tigné, tas-Sliema. Fuq dan il-hanut joqghodu bhala residenza taghhom Matilde Attard fil-fond Danube Apartments, Flat numru wiehed (1) u s-Sinjura Jacqueline u Arthur Higgins illi joqghodu fil-flat numru hamsa (5) fl-istess appartamenti. Dawn ir-residenti qieghdin jilmentaw illi minn dan il-café titla' hafna shanat kif ukoll irwejjah li jkunu ta' inkonvinjent kbir ghalihom. Di più c-cumnija illi bena l-appellant tasal ezatt sal-ambjenti residenzjali taghhom u ma tmurx oltre b'tali mod illi dan l-inkonvenjent ikompli jizdied.

Minhabba f'hekk ghamlu rapport lill-awtoritajiet tas-Sanità illi ghamlu inspection tramite l-health inspector Yvette Rossignaud u Malcolm Vella Haber. Saru iktar spezzjonijiet u korrispondenza u fl-ahhar fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tal-elfejn u sitta (2006) gew iffirmati "undertaking in terms of article 13, Act number XII of 2003". F'dan l-undertaking gie dikjarat illi l-appellant Dennis Burke kien "the responsible person" ghall-fini ta' dana l-Att. Hu rrikonoxxa illi "failed to inhibit emission of smoke from café San Paolo, 25, Tigné Seafront, Sliema". L-appellant intrabat illi jirrimedja dan l-ilment mhux aktar tard mis-sebgha (7) ta' Awwissu tal-elfejn u sitta (2006). Peress illi dan it-terminu ghadda u x-xoghlijiet rimedjali ma kinux ghadhom saru, fl-ewwel (1) ta' Settembru tal-elfejn u sitta (2006) harget ic-citazzjoni odjerna kontra l-appellant.

B'sentenza moghtija fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tal-elfejn u hdax (2011) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, ikkundannatu ghal multa ta' hames mitt ewro (€500), kif ukoll imponiet multa ta' mitt ewro (€100) kuljum kemm idum biex isegwi r-rakkomandazzjonijiet kollha msemmija fir-rapport tal-Inginier Muscat.

L-appellant appella minn din is-sentenza u l-aggravju principali huwa fis-sens illi l-unika obbligazzjoni illi kellu illi jnehhi t-dhahen illi hergin mill-istabbiliment tieghu, liema soluzzjoni kienet tirrikjedi biss li titgholla c-cumnija, haga illi ma kienx qed jithalla jaghmel mill-istess residenti.

Argumenta illi fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati sabiet lill-appellant hati ta' kollox, inkluz emissjonijiet mill-arja kondizzjonata barra minn dak illi kien akkuzat bih. L-appellant kellu obbligazzjoni illi jnehhi d-duhhan mill-café tieghu u xejn aktar u m'hemm xejn imsemmi dwar shanat u arja kondizzjonata. L-appellant dana ghamlu, jew ipprova jaghmlu, u l-ewwel Qorti ma setghetx issibu hati ukoll ta' affarijiet ohra li ma kinux imsemmija fl-undertaking illi ntrabat li jesegwixxi.

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-mertu tajjeb illi titratta l-ilment principali tal-appellant dwar it-tifsira tal-kontravenzjoni illi giet addebitata lilu u cioé illi huwa naqas illi "inhibit emission of smoke from café ....". L-appellant qieghed jaghti interpretazzjoni ghal din id-dikjarazzjoni bhala duhhan; b'duhhan ifisser dak gej min-nar, minn xi forn. Huwa argumenta illi minn dak ma kien hemm xejn. Fi kwalunkwe kaz l-unika soluzzjoni ghal din il-problema kienet illi titgholla c-cumnija sa livelli 'l fuq mill-ambjenti tar-residenti illi joqghodu fuq il-café u l-ewwel Qorti ghamlet hazin meta dahlet ukoll fil-kondizzjoni tal-arja kondizzjonata u fil-fwawar u irwejjah ohra li johorgu mill-café.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni. Ovvjament il-lingwagg seta' intuza ahjar. Imma l-problema ma kinitx "smoke" fil-veru sens tal-kelma. Din ghandha tinghata tifsira ferm iktar wiesgha fl-isfond tal-inkonvenjent illi kien qed jikkawza dan il-café. Ovvjament l-appellant ghandu kull dritt jiggestixxi n-negozju tieghu però dana m'ghandux jaghmlu a skapitu ta' drittijiet ta' haddiehor, haga li hija rikonoxxuta fiz-zmien mid-dritt Ruman meta jghid illi "Sic utere tuo ut alienum non loedas". Ghalhekk ir-residenti li joqghodu fuq il-café ghandhom kull dritt illi jippretendu illi jistghu jghixu fil-kwiet, fil-paci, u f'atmosfera nadifa minghajr inkwinament gej mill-café sottostanti.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-undertaking illi ntrabat illi jesegwixxi l-appellant ma kinitx limitata biss ghad-duhhan

imma kellha tinkludi ukoll kwalunkwe inkonvenjent illi seta' kkawza lil terzi mill-operat tan-negozju tieghu.

Dana stabbilit, din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti ghamlet sew meta dahlet fil-fattispece kollha ta' dan il-kaz u nnominat lill-Inginier Joseph Muscat sabiex jirrelata dwar l-ilmenti tar-residenti u kemm dawn kienu gustifikati jew le. Ir-rapport tieghu qieghed fl-atti u minn hemm din il-Qorti tikkonkludi illi l-ilmenti tar-residenti altru li kienu gustifikati. U fir-rapport tieghu hemm serje ta' rakkomandazzjonijiet x'kellu jsir sabiex l-inkonvenjent illi kien qed jikkreja dak il-café ma jibqax isir. Dan ir-rapport gie prezentat fl-atti u kien disponibbli ghall-appellant sabiex jezaminah u jesegwixxi r-rakkomandazzjonijiet. Wara illi ghadda ftit zmien il-Qorti regghet baghtet lill-Inginier Muscat sabiex jispezzjona l-fond u jara sa fejn gew imwettqa r-rakkomandazzjonijiet tieghu.

Sfortunatament l-Inginier Muscat irrapporta lill-Qorti li mir-rakkomandazzjonijiet tieghu ftit li xejn gew imwettqa tant illi r-residenti xorta wahda baqghu jsofru l-inkonvenjent illi kienu qieghdin isofru qabel. Dan l-inkonvenjent kien jikkonsisti f'diversi fatturi kollha inter-related bejn is-shanat hargin mill-café, l-arja kondizzjonata illi titfa' l-fumes go shaft illi jibqa' tiela' dritt ghand ir-residenti u cumnija li ma kinitx tal-gholi rakkomandat. Meta l-ewwel Qorti rat illi ma kienx hemm rieda tajba min-naha tal-appellant ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha bil-kundanna kif inghad.

Din il-Qorti thoss illi l-ewwel Qorti fi sfond ta' dawn ir-rizultanzi kienet gustifikata illi tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Issa, hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet regjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti u waslet ghall-konkluzjoni illi kienet ragjonevoli u legali fil-konkluzjoni taghha. Ghalhekk

mhux il-kaz illi din id-diskrezzjoni u konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------